

Brussell, 8 ta' Novembru 2016
(OR. en)

14182/16

ECOFIN 1017
BUDGET 37
SAN 379
SOC 678

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Rapport Konġunt tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika (EPC) u l-Kummissjoni dwar il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul fl-UE - Konklużjonijiet tal-Kunsill (8 ta' Novembru 2016)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Konġunt tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika (EPC) u l-Kummissjoni dwar il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul fl-UE, kif adottati mill-Kunsill (ECOFIN) fit-3495 laqgħa tiegħu li saret fit-8 ta' Novembru 2016 fi Brussell.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

dwar ir-Rapport Konġunt tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika (EPC) u l-Kummissjoni dwar il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul fl-UE

Il-Kunsill (ECOFIN) adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

Kif enfasizzat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2016¹, id-dejn għoli tal-gvern, flimkien mal-pressjonijiet baġitarji li jirriżultaw mit-tixjiħ tal-popolazzjoni u minn fatturi determinanti oħra mhux marbuta mal-età, jagħmlu s-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul kwistjoni ta' tħassib komuni. Il-Kunsill, għalhekk, IQIS li huwa partikolarment importanti li jintlaħaq l-għan doppju li jiġu żgurati kemm is-sostenibbiltà fiskali kif ukoll l-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa ta' kwalità tajba għal kulħadd, bit-titjib fl-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul.

Fuq dan l-isfond, il-Kunsill JILQA' r-Rapport Konġunt imħejji mill-Kumitat tal-Politika Ekonomika (Grupp ta' Ħidma dwar it-Tixjiħ) u s-Servizzi tal-Kummissjoni (DG ECFIN) u JENFASIZZA li:

- Skont l-Artikolu 168(7) TFUE, l-azzjoni tal-Unjoni għandha tirrispetta bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tad-definizzjoni tal-politika tas-saħħa tagħhom kif ukoll l-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura medika. Ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri jinkludu l-ġestjoni tas-servizzi tas-saħħa u tal-kura medika, kif ukoll l-allokazzjoni tar-riżorsi assenjati lilhom.
- Il-Kunsill, filwaqt li JFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu^{2,3,4,5} u, fid-dawl tas-sejbiet tar-Rapport Konġunt, JAFFERMA MILL-ĠDID li l-kura tas-saħħa universali u s-servizzi ta' kura fit-tul adegwati jeħtieġ li jingħataw biex ilaħħqu mad-domanda dejjem tiżdied marbuta ma' popolazzjoni li qed tixjieħ u mal-aspettattivi dejjem jiżdiedu tal-pazjenti minħabba l-iżviluppi teknoloġiċi fid-deċennji li ġejjin, filwaqt li jitnaqqsu l-livelli għolja ta' dejn pubbliku.

¹ <http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2016/03/08-ecofin-conclusions-fiscal-sustainability-report/>

² 7 ta' Diċembru 2010: Ara t-3054 laqgħa tal-Kunsill AFFARIJET EKONOMIĊI u FINANZJARJI, Brussell, 7 ta' Diċembru 2010

³ 22 ta' Ġunju 2006: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar valuri u prinċipji komuni fis-Sistemi tas-Saħħa tal-UE ĠU 2006 C 146

⁴ 20 ta' Ġunju 2014: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kriżi ekonomika u l-kura tas-saħħa ĠU 2014 C 217

⁵ 7 ta' Marzu 2016: Ara t-3453 laqgħa tal-Kunsill IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA U AFFARIJET TAL-KONSUMATUR, Brussell, 7 ta' Marzu 2016

- Il-ħarsien ta' livelli għolja tas-saħħa jikkontribwixxi għal kwalità tal-ħajja aħjar u saħansitra għall-prosperità ekonomika permezz ta' parteċipazzjoni ikbar fis-suq tax-xogħol, ħajjiet tax-xogħol itwal u l-produttività, u għaldaqstant huwa essenzjali fil-kuntest ta' soċjetà li qed tixjieħ. L-infiq fuq is-saħħa u l-kura fit-tul jassorbi porzjon sinifikanti u li qed jiżdied mir-żorsu u ħafna mill-Istati Membri tal-UE qed iħabbtu wiċċhom ma' pressjonijiet fiskali qawwija u li qed jiżdiedu fuq is-sistemi tas-saħħa tagħhom, madankollu, minkejja l-isforzi reċenti, hemm lok għat-titjib tal-istatus tas-saħħa tal-popolazzjoni mingħajr ma jkollu għalfejn jiżdied l-infiq fuq is-saħħa. F'kundizzjonijiet ta' limitazzjonijiet stretti fuq il-baġits pubbliċi, jeħtieġ li l-infiq, permezz ta' riforma xierqa fil-politika, irendi aktar biex is-sistemi tas-saħħa jiġu mħarsa u sostnuti u s-saħħa tal-popolazzjoni titjib.
- Minbarra l-isfidi fiskali, f'ħafna każijiet, is-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul għandhom ħafna sfidi strutturali komuni marbuta mat-tqassim u l-użu ineffiċjenti ta' riżorsu bejn qasam funzjonali tal-infiq u ieħor, liema sfidi jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz ta' taħlita ta' politiki speċifika għall-pajjiż li hija kompetenza tal-Istati Membri. Sfidi addizzjonali għandhom x'jaqsmu mal-aċċess inugwali għall-kura tas-saħħa, qabżiet spissi tal-limiti tal-baġit, pressjonijiet fiskali kontra xulxin minn diversi ministeri, prijoritajiet politiċi li jinbidlu, frodi jew korruzzjoni, u n-nuqqas ta' informazzjoni dwar kemm irendi l-investiment fis-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul.

Fid-dawl ta' dan ir-rapport, l-isfidi politiċi ewlenin għall-kura tas-saħħa u għall-kura fit-tul li, fejn xieraq, jeħtieġ li jiġu indirizzati mill-Istati Membri fit-tfassil tal-miżuri ta' riforma tagħhom jinkludu:

- *It-titjib fil-governanza tas-sistemi.* Dan jitlob 1) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet fiskali u dawk tas-saħħa jew awtoritajiet ta' politika rilevanti oħra, u l-użu ta' firxa wiesgħa ta' għodod tal-ippjanar baġitarju għall-appoġġ tal-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà; 2) l-istabbiliment ta' strateġiji tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-ġestjoni tad-data għall-appoġġ tal-monitoraġġ u l-governanza u għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-frodi u l-użu ħażin tar-riżorsu pubbliċi; 3) il-valutazzjoni ex ante u ex post tar-riformi b'mod sistematiku u formalizzat imsejjes fuq l-evidenza; 4) id-definizzjoni ċara tar-rwoli tal-awtoritajiet pubbliċi għall-għoti tas-servizzi tal-kura fit-tul immirati lejn l-integrazzjoni tas-servizzi mediċi u soċjali permezz ta' qafas legali u lejn it-titjib tal-effiċjenza amministrattiva.

- *Il-promozzjoni tas-sostenibbiltà tal-finanzjament u l-infiq.* Il-finanzjament adegwat u sostenibbli huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-kopertura tajba, l-aċċess u l-kwalità tal-kura. Dan jitlob: 1) it-tisħiħ tal-politiki għall-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard sabiex isir l-aħjar użu mill-potenzjal tas-sistemi biex jinkisbu riżultati aħjar fil-kura tas-saħħa; 2) l-iżgurar li l-pakketti ta' servizzi tas-saħħa ffinanzjati pubblikament ikunu msejsa fuq kriterji kosteffikaċi u li l-iskemi tat-tqassim tal-ispejjeż jappoġġaw il-limitazzjoni tan-nefqa pubblika, filwaqt li jiġi żgurat l-aċċess għall-kura tas-saħħa għal kulħadd; 3) it-tfassil ta' mekkaniżmi ta' remunerazzjoni u xiri għall-promozzjoni tal-effiċjenza; 4) it-titjib tal-finanzjament tan-nefqa fuq il-kura fit-tul b'mod sostenibbli fiskalment u f'qafas ta' żmien li jħares 'il quddiem u l-inċentivi ta' elementi ta' qabel il-finanzjament, filwaqt li l-finanzjament pubbliku jkun immirat lejn il-ħtiġijiet ta' min ser jirċievih; 5) iż-żieda tas-sostenibbiltà tal-kura fl-isptarijiet billi jitwettqu riformi strutturali fis-settur, fosthom bit-titjib tal-arranġamenti ta' finanzjament u t-tnaqqis tal-ispejjeż operattivi.
- *It-tisħiħ tal-effiċjenza strutturali, il-kompetizzjoni u t-trasparenza.* Dan jitlob 1) it-tneħħija tal-kura tas-saħħa mis-settur tal-isptarijiet li jirrikjedi ħafna riżorsi għas-servizzi tal-kura primarja u ambulatorja li huma aktar kosteffikaċi, u l-promozzjoni tal-kura integrata; 2) it-titjib tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tas-sistemi tas-saħħa; 3) it-tisħiħ tal-użu kosteffikaċi tal-mediċini, u d-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà tagħhom permezz tal-implimentazzjoni ta' politiki bħall-promozzjoni tal-akkwist pubbliku u r-rwol tal-mediċini ġeneriċi u bijosimili, politiki adatti tal-kontroll tal-prezzijiet u użu bil-għaqal tal-mediċini⁶; 4) l-iżgurar li jkun hemm biżżejjed persuni kwalifikati li jagħtu l-kura professjonali u biżżejjed persuni li jappoġġaw lill-familji bl-għoti tal-kura informali; 5) l-appoġġ tas-servizzi tal-kura fit-tul fid-djar aktar milli f'ambjenti istituzzjonali, meta jkun xieraq.

⁶ 16-17 ta' Ġunju 2016: Ara t-3473 laqgħa tal-Kunsill IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA U AFFARIJET TAL-KONSUMATUR, Brussell, 16-17 ta' Ġunju 2016

Filwaqt li jqis il-kompetenza tal-Istati Membri fl-organizzazzjoni u l-għoti tal-kura tas-saħħa skont l-Artikolu 168, il-Kunsill JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Konġunt u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tuża dawn is-sejbiet fl-analiżi u l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet tagħha fl-attivitajiet tagħha ta' koordinazzjoni ta' politika ekonomika fil-qafas tas-Semestru Ewropew, u tesplora kif l-azzjoni tal-Unjoni tista' tikkomplementa l-politiki nazzjonali, b'enfasi ċara fuq is-sostenibbiltà fiskali. Il-Kunsill JISTIEDEN lill-Istati Membri biex jużaw dawn is-sejbiet fl-implimentazzjoni tal-politiki nazzjonali tagħhom, fejn xieraq u rilevanti fil-kuntesti nazzjonali differenti. Il-Kunsill JISTIEDEN lill-Kumitat tal-Politika Ekonomika biex jaġġorna l-analiżi tiegħu tal-isfidi tal-politika fiskali marbuta mas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul, b'kont meħud kif xieraq tar-riskji fiskali marbuta mal-elementi demografiċi u mhux demografiċi li jwasslu għan-nefqa.
